MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 645/2004

**Alfred Grech**

**vs**

**Mariella u Josette ahwa Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex dawn jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lill-attur Alfred Grech dik is-somma li tigi hekk likwidata mill-Qorti ghal sevigi li huwa rrenda ghal hafna snin lil Gerald Zammit li tieghu l-konvenuti huma eredi universali u li miet nhar id-19 ta'

Frar tas-sena 2003, kif ukoll ihallsu l-imghax legali dekorribbli skond il-ligi sal-pagament effettiv;

2. Illi ghal fini ta' kompetenza, l-valur mertu tal-kawza ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-17 ta' Novembru tas-sena 2003, bl-imghax kif mitluba u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata 2 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi ma huwiex minnu illi l-attur ghamel atti konsistenti f'servigi lil Gerald Zammit, u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju u f'kull kaz, jekk saru xi servigi, l-azzjoni hija perenta bid-dekors tal-perjodu ta' hames snin minn mindu saru l-istess servigi;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal ta' l-attur datat it-22 ta' Marzu tas-sena 2005, (fol 10), fejn permezz tieghu ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuta Mariella Borg u ghalhekk zamm l-integrita' ta' din il-procedura biss fil-konfront tal-konvenuta Josette Borg;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti skond l-attur li taw lok ghall-bidu ta’ din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;

1. Illi l-attur jigi z-ziju tal-konvenuta;

2. Illi wiehed miz-zijiet ta’ l-attur, certu Gerald Zammit, ma kellux tfal u miet madwar is-sena 2002 ta’ sitta u tmenin sena, (86), (ara fol 33);

3. Illi dan iz-ziju defunt kien mizzewweg izda eghex l-ahhar disa’ (9) snin ta’ hajtu bhala armel;

4. Illi jidher li kien hemm rabta affettiva bejn l-imsemmi ziju u l-attur stante li l-istess attur isostni li meta hu kien ghadu zghir, l-imsemmi zija kien jiehdu kull fejn kien imur, (ara fol 11 u 12);

5. Illi r-relazzjoni bejn l-attur u dan iz-ziju dejjem kienet tajba;

6. Illi pero’ l-attur isostni li madwar sentejn u nofs jew tlett snin qabel ma mieta dan iz-ziju r-relazzjoni ta’ bejniethom iddeterjorat u ma baqghux jiffrekwentaw lil xulxin bl-assidwita’ precedenti;

7. Illi in effetti dan Zammit kien anke biddel is-serratura tal-bieb biex l-attur ma jkunx jista’ jiffrekwentah aktar;

8. Illi s-servigi li l-attur kien jespleta lil zijuh Geral Zammit fil-perjodu li fih kienu jiffrekwentaw lil xulxin u li fih dan ta’ l-ahhar kien ukoll mar minn saqajh, kienu s-segwenti:

a. jehodlu l-ikel darba kuljum;

b. jahratlu l-gardina li kienet ma’ genb id-dar;

c. kien iwasslu jonsob;

d. gieli kines id-dar taz-ziju defunt u hasel xi hwejjeg;

e. fl-ahhar fazi ta' hajjet Gerald Zammit, kien anke jahslu;

9. Illi f'testment rilaxxat minn dan Zammit, l-attur jirrizulta indikat bhala werriet izda f'testmeni ohra sussegwenti, din il-klawsola kienet inbidlet u l-ewwel l-attur kien indikat bhala legatarju u wara, gie addirittura estromess ghal kollox;

10. Illi ghalhekk l-attur hass li ma kellux alternattiva ohra hlief li jipprocedi bil-procedura odjerna stante li hassu li ma kinitx saret gustizzja mieghu;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuta Josette Borg sintetikament issostni s-segwenti;

1. Illi meta l-mama' taghha mietet meta l-konvenuta kien ghad biss kellha sena u nofs, iz-zijiet taghha Gerald u Julia konjugi Zammit idecidew li jrabbuha u ghalhekk ittiehdet tghix fir-residenza taghhom minn dik l-eta' tenera indikata aktar qabel;

2. Illi l-konjugi Zammit ma kellhomx tfal u ghalhekk il-konvenuta imliet dan il-vojt emozzjonali tal-konjugi Zammit;

3. Illi f'xi perjodu kienet tghix maghhom ukoll oht il-konvenuta Mariella, izda din ma damitx ma ttiehdet tghix mal-papa' taghha;

4. Illi meta kienet zghira kienet tiftakar lill-attur jiffrekwenta d-dar taz-ziju Gerald;

5. Illi ssostni li meta l-konvenuta Josette Borg kibret hi kienet tiehu hsieb id-dar bil-flus li kienet taqla' mix-xoghol taghha;

6. Illi l-konvenuta de quo ssostni li z-ziju Gerald Zammit kien bniedem riservat u indipendenti fejn ma ried li jkun assistit minn hadd u fil-fatt kien anke rrifjuta li jaccetta l-offerta ta’ l-attur li jmur jirrisjedi ghandu biex ikun jista’ jassistieh;

7. Illi sussegwentement l-attur informa lil Gerald Zammit, il-beneficjarju, li ried jibda jehodlu l-ikel u wara resistenza, din l-offerta giet accettata;

8. Illi l-konvenuta Borg tichad kategorikament li l-attur kien jahsel lill-beneficjarju u ssostni wkoll li dan ta’ l-ahhar kien jaghmel kollox wahdu, sahansitra anke juza bicycle – mhux biex isuqha, izda biex tassistieh fil-mixi;

9. Illi effettivament, skond il-konvenuta, l-attur ma damx aktar min xahrejn jiehu l-ikel lill-imsemmi beneficjarju, (ara fol 34);

10. Illi ghalhekk l-allegazzjonijiet fattwali ta’ l-attur qed jigu respinti mill-konvenuta u konsegwentement titlob li t-talbiet attrici jigu wkoll respinti kif indikat fl-istess nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ l-eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni, stante li l-provi prodotti jirrigwardaw esklussivament il-meritu tal-kaz u mhux il-perjodi nvoluti, ma tirrizultax pruvata u konsegwentement qed tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali opposta mill-konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu minn analisi tas-suespost jirrizulta s-sewgenti:

1. Illi l-partijiet f’din il-kawza huma konsangwinei u kien ikun ferm aktar ghaqli li kienu

akkoljew l-invit ta' din il-qorti biex jilhqu xi forma ta' transazzjoni sodisfacenti milli jaghzlu t-triq sfortunata tal-pika li ma tista' twassal ghal imkien hlief ghal aktar dizgwid;

2. Illi pero' la din hi xelta konsapevoli tal-partijiet ma tezisti l-ebda alternattiva ohra u ghalhekk qed tigi intrapriza din it-triq tal-konfront;

3. Illi jirrizulta in effetti, anke fuq qbil bejn l-istess partijiet, li l-attur fil-fatt vera ippresta xi servigi lill-beneficjarju fuq indikat;

4. Illi d-diskrepanza bejn il-partijiet tvarja kemm fl-intensita' ta' dan is-servigi u fit-tul li fih ie prestat;

5. Illi ghalhekk, a bazi ta' resultanzi u ta' kredibilita' li din il-qorti qed taffida fix-xhieda mismugha qieghda fir-rigward tiddetermina s-segwenti;

a. Illi fl-ahhar tlett (3) snin, qabel ma miet il-beneficcjarju kien inqata' kull kuntatt bejn u l-attur;

b. Illi qed tistabbilixxi arbitrarjament izda a bazi tar-rizultanzi fuq elenkati li l-attur dam jassisti lill-beneficjarju ghal-perjodu ta' sentejn (2);

c. Illi s-servigi rezi kienu dawn indikati mill-istess attur indikati feil-paragrafu numru 8 tas-sintesi fattwali tal-posizzjoni tieghu indikata aktar qabel;

Ikkundisrat:

Illi fik gie ritenut fil-kawza Ivy Angus vs Joseph Calleja et, Prim'Awla, 15 ta' Frar ta' l-1958, Vol XL11; it-Tieni Parti; pagna 923 et sequitur azzjoni simili hi essenzjalment ibbazata guridikament fiq il-kwazi-kuntratt, "u unanimament fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghem servizz lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokka' ma jkunx ghamlu bi skop

umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat ghalih, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu “familiaritatis sew pietalis causa”, f’liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minn dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta”;

Ikkunsidrat:

Illi mir-rizultanzi kif dedotti din il-qorti hi sodisfatta li s-servigi rezi mill-attur kien rezi bl-iskop ta’ renumerazzjoni u huma ghalhekk retritwibbli lill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi stabbili dan, sejra issa tghaddi biex tidderemina l-quantum dovut lill-attur ghal kumpens li haqqu ghall-kwazali adottat u pruvat minnu;

Illi ghandu wkoll jinghad pero’ li din il-qorti hi ben konxja u struwita mill-esperjenza kwotidjana in materja u qed tiffissa l-ammont skond l-intensita’ varjanti tas-servigi rezi fuq gia’ ndikati u skond il-gravezza u n-natura ta’ l-istess, imnezza’ mill-esagerazzjonijiet li ghalihom ghandhom inklinazzjoni l-bnedmin fl-estinu tax-xoghol taghhom;

Illi wara li hasbet fit-tul u bir-reqqa, u wara li hadet in konsiderazzjoni dak kollu mehtieg, din il-qorti hi tal-fehma li l-kumpens komplessiv dovut ghandu jkun stabbili fl-ammont ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0);

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi li:

1. Tirrespingi l-eccezzjoni rimanenti tal-konvenuta;
2. Takkolji t-talbiet attrici u tiddikjara li l-istanti Alfred Grech irrenda servigi lid-decujus Gerald Zammit, liema servigi huma retribwibbli;

3. Tillikwida l-kumpens dovut mill-konvenuta Josette Borg lill-attur Alfred Grech ghal dawn is-servigi fl-ammont ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0);

4. Tikkundanna lill-konvenuta Josette Borg thallas lill-attur Alfred Grech l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti oltre l-imghaxijiet dovuti bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------